**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta’ dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

**LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**ta' l-14 ta' Lulju 2006**

**dwar ċerti preparazzjonijiet għat-tibdil tal-flus kontanti euro u dwar il-*frontloading* u s-*sub-frontloading* tal-karti tal-flus u muniti euro barra ż-żona tal-euro**

***(BĊE/2006/9)***

(2006/525/KE)

(ĠU L 118M, 8.5.2007, p. 1008)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Linja Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew 2008/549/KE tad-19 ta’ Ġunju 2008 | L 176 | 16 | 4.7.2008 |

▼B

# LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## ta' l-14 ta' Lulju 2006

## dwar ċerti preparazzjonijiet għat-tibdil tal-flus kontanti euro u dwar il-*frontloading* u s-*sub-frontloading* tal-karti tal-flus u muniti euro barra ż-żona tal-euro

## *(BĊE/2006/9)*

(2006/525/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropea, partikolarment l-Artikolu 106(1),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 16 u l-Artikolu 26.4 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

(1) L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998, dwar l-introduzzjoni tal-euro ([1]) igħid li "b'effett mid-dati rispettivi tat-tibdil tal-flus kontanti, il-BĊE u l-banek ċentrali ta' l-Istati Membri parteċipanti għandhom iqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni karti tal-flus iddenominati fil-euro fl-Istati Membri parteċipanti".

(2) Sabiex tkun possibbli l-introduzzjoni bla xkiel tal-euro fl-Istati Membri futuri parteċipanti, għandu jitwaqqaf qafas legali li jħalli lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' dawn l-Istati Membri jissellfu karti tal-flus u muniti euro mill-Ewrosistema għall-iskop tal-*frontloading* u s-*sub-frontloading* tagħhom qabel ma għandu jiġi stabbilit it-tibdil tal-flus kontanti, liema qafas jikkunsidra x-xenarji nazzjonali differenti tat-tibdil tal-flus kontanti possibbli.

(3) Il-*frontloading* tal-karti tal-flus u muniti euro lil kontropartijiet eliġibbli, u s-*sub-frontloading* lil terzi persuni professjonali, jikkontribwixxi għat-tibdil tal-flus kontanti, itaffi l-piż loġistiku ta' l-adozzjoni tal-euro u jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-ispejjeż assoċjati maċ-ċirkolazzjoni tal-valuta doppja.

(4) Il-*frontloading* u s-*sub-frontloading* tal-karti tal-flus u muniti euro m'għandux isarraf fit-tqegħid ta' dawn il-karti tal-flus u muniti euro fiċ-ċirkolazzjoni billi huma mhumiex se jkolhom l-istatus ta' valuta legali fl-Istati Membri futuri parteċipanti qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti; konsegwentament l-arranġamenti kuntrattwali għal self ta' karti tal-flus u muniti euro għandhom jinkludu obbligi biex jimponu ċerti restrizzjonijiet dwar kontropartijiet eliġibbli u terzi persuni professjonali sabiex jiġi evitat milli dan iseħħ.

(5) Il-*frontloading* lil kontropartijiet eliġibbli u s-*sub-frontloading* lil terzi persuni professjonali jista' iseħħ biss jekk dispożizzjonijiet statutorji fl-Istati Membri futuri parteċipanti jipprovdu protezzjoni biżżejjed, jew jekk jiġu stabbiliti ftehim kuntrattwali bejn il-partijiet involuti, fir-rigward ta': (i) self ta' karti tal-flus u muniti euro għal *frontloading*; (ii) *frontloading*; u (iii) *sub-frontloading*.

(6) Din il-Linja ta' Gwida għandha: (i) tistabbilixxi r-regoli li għandhom jiġu applikati għall-qafas kuntrattwali u l-kundizzjonijiet għal *frontloading* u *sub-frontloading*; (ii) tistabbilixxi obbligi

([1]) ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2169/2005 (ĠU L 346, 29.12.2005 p. 1).

▼B

ta' kontabilita' u ta' rappurtar finanzjarju biex jiġu osservati fir-rigward tal-*frontloading* u s-*sub-frontloading*; u (iii) tipprovdi għal ftehim xierqa biex jassiguraw karti tal-flus u muniti euro *frontloaded* u *sub-frontloaded*.

(7) Filwaqt li l-kompetenza primarja biex jiġi stabbilit r-reġim għall-ħrug tal-muniti euro hija ta' l-Istati Membri parteċipanti, il-BĊNi futuri ta' l-Ewrosistema jwettqu rwol essenzjali fid-distribuzzjoni tal-muniti euro. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' din il-Linja ta' Gwida li għandhom x'jaqsmu mal-muniti euro għandhom jitqiesu bħala rakkomandazzjonijiet biex jiġu applikati mill-BĊNi, fil-qafas għall-ħruġ tal-muniti euro, li għandu jitwaqqaf mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' l-Istati Membri futuri parteċipanti.

(8) Il-forniment tal-BĊNi futuri ta' l-Ewrosistema b'karti tal-flus u muniti euro għall-iskop tal-*frontloading* jimplika ċerti riskji finanzjarji. Biex ikopru dawn ir-riskji, il-BĊNi futuri ta' l-Ewrosistema għandhom jikkommettu ruħhom biex iħallsu lura l-karti tal-flus euro missellfa mill-Ewrosistema mir-rekwiżiti tal-produzzjoni tal-karti tal-flus futuri allokati lilhom. Barra minn dan, il-*frontloading* għandu jitħalla jsir biss jekk il-kontropartijiet eliġibbli jipprovdu lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema rilevanti b'garanzija eliġibbli suffiċjenti.

(9) Il-BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi l-karti tal-flus u muniti euro għall-iskop ta' *frontloading* u l-BĊNi futuri ta' l-Ewrosistema għandhom jiffirmaw ftehim kuntrattwali speċifiċi biex jaderixxu mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida.

(10) Sakemm dispożizzjonijiet statutorji nazzjonali fis-seħħ fl-Istati Membri futuri parteċipanti jiżguraw li japplikaw regoli u proċeduri ekwivalenti, il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida għal *frontloading* u *sub-frontloading* sussegwenti għandhom ikunu inkorporati fi ftehim kuntrattwali bejn il-BĊNi futuri ta' l-Ewrosistema, il-kontropartijiet eliġibbli u t-terzi persuni professjonali.

(11) Il-BĊE, bħala koordinatur tal-*frontloading*, għandu jkun infurmat minn qabel bit-talbiet għal *frontloading*, u l-BĊNi futuri ta' l-Ewrosistema għandhom jinfurmaw lill-BĊE b'kwalunkwe deċiżjonijiet biex isir il-*frontloading*.

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

## KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 1*

### Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din il-Linja ta' Gwida:

— "*frontloading*" tfisser it-trasferiment fiżiku ta' karti tal-flus u muniti euro minn BĊN futur ta' l-Ewrosistema lil kontropartijiet eliġibbli fit-territorju ta' xi Stat Membru futur parteċipanti matul il-perijodu tal-*frontloading*/*sub-frontloading*;

— "perijodu ta' *frontloading*/*sub-frontloading*" tfisser il-perijodu li matulu jseħħ *frontloading* u *sub-frontloading*, li m'għandux jibda qabel erba' xhur qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti u jispiċċa f'00.00 (ħin lokali) fid-data tal-flus kontanti;

— "*sub-frontloading*" tfisser it-trasferiment ta' karti tal-flus u muniti euro *frontloaded* minn kontroparti eliġibbli lil terzi persuni professjonali fit-territorju ta' xi Stat Membru futur parteċipanti matul il-perijodu tal-*frontloading*/*sub-frontloading*;

▼B

— "żona tal-euro" tfisser it-territorju ta' l-Istati Membri parteċipanti;

— "data tat-tibdil tal-flus kontanti" tfisser id-data li fiha l-karti tal-flus u muniti euro jsiru valuta legali fi Stat Membru futur parteċipanti partikolari;

— "Stat Membru parteċipanti" tfisser Stat Membru li adotta l-euro;

— "Stat Membru futur parteċipanti" tfisser Stat Membru mhux parteċipanti li ssodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-adozzjoni tal-euro u li dwaru tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-abrogazzjoni tad-deroga (skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat);

— "Stat Membru mhux parteċipanti" tfisser Stat Membru li m'adottax il-euro;

— "Ewrosistema" tfisser il-BĊNi ta' l-Istati Membri parteċipanti u l-BĊE;

— "kontroparti eliġibbli" tfisser entita' kif iddefinita fl-Artikolu 5 li tissodisfa r-rekwiżiti biex tirċievi karti tal-flus u muniti euro għall-iskop tal-*frontloading*;

— "terzi persuni professjonali" tfisser ċerti gruppi kummerċjali ddeterminati, bħal bejjiegħa bl-imnut, il-kumpaniji li jimmaniġġjaw distributuri awtomatiċi u l-kumpaniji li jieħdu ħsieb il-ġarr tal-flus li jinsabu fl-istess Stat Membru futur parteċipanti bħala kontroparti eliġibbli, u li l-kontroparti eliġibbli tikkunsidra li għandha bżonn leġittimu biex tkun *sub-frontloaded* u biex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti fir-rigward tas-*sub-frontloading*;

— "kumpanija li tieħu ħsieb il-ġarr tal-flus" tfisser entita' li tipprovdi trasport, ħażna u mmaniġġjar ta' servizzi ta' karti tal-flus u muniti euro għal istituzzjonijiet ta' kreditu;

— "BĊN ta' l-Ewrosistema" tfisser il-BĊN ta' xi Stat Membru parteċipanti;

— "BĊN futur ta' l-Ewrosistema" tfisser il-BĊN ta' xi Stat Membru futur parteċipanti;

— "garanzija eliġibbli" tfisser garanzija kif iddefinita fl-Artikolu 8;

— "BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi" tfisser xi BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi lil xi BĊN futur ta' l-Ewrosistema karti tal-flus u muniti euro għall-iskop tal-*frontloading*, irrispettivament minn liema BĊN ta' l-Ewrosistema huwa s-sid legali ta' dawk il-karti tal-flus u muniti;

— "rekwiżiti għall-introduzzjoni" tfisser il-kwantita' ta' karti tal-flus u muniti euro li Stat Membru futur parteċipanti jistenna li jkollu bżonn fid-data tat-tibdil tal-flus kontanti biex tkopri d-domanda għal perijodu ta' sena;

— "jum ta' negozju ta' l-Ewrosistema" tfisser jum li fih il-BĊE jew wieħed jew aktar mill-BĊNi huma miftuħa għan-negozju, li fih it-TARGET jew is-sistema li tissostitwixxi t-TARGET hija miftuħa, u li huwa l-jum ta' ħlas għal tranżazzjonijiet tas-suq tal-flus euro u tal-kambju fi flus barranin li jinvolu l-euro;

— "TARGET" tfisser is-sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer*;

— "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni kif iddefinita fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000, dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]);

— "valuta nazzjonali" tfisser il-valuta nazzjonali ta' Stat Membru futur parteċipanti qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti.

([1]) ĠU L 126, 26.5.2000, p. 1.

▼B

*Artikolu 2*

**Applikabbilta' tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida**

1. Ir-regoli u l-proċeduri dwar il-*frontloading* u s-*sub-frontloading* stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida għandhom ikunu applikati għal ftehim ta' *frontloading* u *sub-frontloading* irrispettivament jekk xi BĊN futur ta' l-Ewrosistema: (i) jissellef il-karti tal-flus u l-muniti biex jiġu *front-loaded*; jew (ii) jipproduċihom jew jakkwistahom.

2. Din il-Linja ta' Gwida m'għandhiex tapplika għat-trasferiment fiżiku tal-karti tal-flus u muniti euro mill-BĊNi ta' l-Ewrosistema lill-BĊNi ta' Stati Membri mhux parteċipanti sakemm dawn ta' l-aħħar ikollhom l-istatus ta' BĊNi futuri ta' l-Ewrosistema.

KAPITOLU II

**SELF TA' KARTI TAL-FLUS U MUNITI EURO GĦAL FRONTLOADING**

*Artikolu 3*

**Trasferiment**

1. Xi wieħed jew aktar mill-BĊNi ta' l-Ewrosistema, skond kif ikun il-każ, jistgħu jittrasferixxu karti tal-flus u muniti euro lil xi BĊN futur ta' l-Ewrosistema għall-iskop tal-*frontloading* u r-rekwiżiti għall-introduzzjoni.

2. Il-BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi m'għandux jitlob garanzija minn BĊN futur ta' l-Ewrosistema li jirċievi.

3. It-trasferiment ta' karti tal-flus u muniti euro minn BĊN ta' l-Ewrosistema lil xi BĊN futur ta' l-Ewrosistema m'għandhiex issir qabel ma l-BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi u l-BĊN futur ta' l-Ewrosistema li jirċievi jkunu ffirmaw ftehim kuntrattwali li jistipulaw li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida japplikaw għas-self tal-karti tal-flus u muniti euro lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema, u għalhekk se jiġu applikati meta jsiru l-ftehim għall-*frontloading* u s-*sub-frontloading*.

4. It-trasferiment tal-karti tal-flus u muniti euro m'għandhiex tibda qabel ma tkun ġiet adottata deċiżjoni dwar l-abrogazzjoni tad-deroga ta' xi Stat Membru mhux parteċipanti, skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat.

5. Wara li jkun ikkonsulta lill-BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi, il-BĊE għandu jispeċifika b'mod ċar l-istokks li minnhom għandhom jittieħdu l-karti tal-flus u muniti euro biex jiġu ttrasferiti, u l-isem tal-BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi. Il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi għandu jiżgura li tkun ittieħdet deċiżjoni biex iforni mill-ġdid dawk l-istokks.

*Artikolu 4*

**Kundizzjonijiet applikabbli għal self ta' karti tal-flus u muniti euro**

1. Il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu speċifikati fil-ftehim kuntrattwali msemmija fl-Artikolu 3(3).

2. Il-volum preċiż, ikklassifikat skond id-denominazzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti euro biex jitqassmu, u l-ħin tat-tqassim, għandhom ikunu speċifikati f'kwalunkwe ftehim kuntrattwali.

3. Il-karti tal-flus u muniti euro għandhom ikunu ttrasportati lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema għall-iskop tal-*frontloading* u r-rekwiżiti għall-introduzzjoni skond ir-regoli dwar is-sigurta' u l-assigurazzjoni li

▼B

normalment japplikaw għal trasferimenti f'ammonti kbar tal-karti tal-flus u muniti euro bejn il-BĊNi. Ir-riskji tal-qerda, tat-telf u tas-serq tal-karti tal-flus u muniti euro ttrasferiti għandhom igħaddu għall-BĊN futur ta' l-Ewrosistema mill-mument meta l-karti tal-flus u muniti euro iħallu l-kmamar tas-sigurta' tal-BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi.

4. BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jħallas l-ispejjeż tat-trasport tal-karti tal-flus u muniti euro minn bejn il-BĊN ta' l-Ewrosistema u hu. Il-BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi għandu jiżgura li t-trasport isir b'mod effiċjenti.

5. Jekk xi BĊN futur ta' l-Ewrosistema jkollu bżonn xi trasferiment f'ammonti kbar ta' karti tal-flus u muniti euro mill-Ewrosistema fi tnax-il xhar mid-data tat-tibdil tal-flus kontanti, dawn ir-rekwiżiti se jkunu meqjusa bħala parti mir-rekwiżiti għall-introduzzjoni u, fir-rigward tal-ħlas lura, għandhom ikunu ttrattati bl-istess mod bħall-karti tal-flus u muniti euro *frontloaded*, kif stabbilit fil-paragrafi 6 sa 8. Fir-rigward ta' kull aspett ieħor, is-sodisfazzjon ta' dawn ir-rekwiżiti għandu jkun ittrattat bl-istess mod bħala trasferiment f'ammonti kbar. ►M1 Madankollu, trasferiment bil-kwantità ta' karti tal-flus ewro m'għandux jitqies parti mill-obbligi inizjali jekk il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema li jkollu dak il-volum żejjed ta' denominazzjoni waħda jew iżjed ta' karti ta' flus ewro, ta' valur u kwalità ekwivalenti għal ta' dawk inklużi fit-trasferiment bil-kwantità, jittrasferixxi dawn lill-Ewrosistema bi skambju għal dak it-trasferiment bil-kwantità. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, ma jqum l-ebda obbligu biex isir ħlas mill-ġdid u l-BĊE għandu jħallas l-ispiża tat-trasportazzjoni tal-karti tal-flus ewro. ◄

6. BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu josserva l-obbligi tal-kontabilita' u tar-rappurtar finanzjarju fir-rigward tal-BĊN(i) ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi:

a) Matul il-perijodu tal-*frontloading*/*sub-frontloading*, il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jirreġistra l-ammont tal-karti tal-flus u muniti euro mibgħuta għall-iskop tal-*frontloading* (u għar-rekwiżiti għall-introduzzjoni) *off-balance sheet* skond il-valur nominali tagħhom.

▼M1

__________

▼B

c) Il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jirrapporta l-ammont totali (ikklassifikat skond id-denominazzjoni) ta' kull karta tal-flus euro *frontloaded* jew *sub-frontloaded* li tkun daħlet fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti, kif ukoll id-data li fiha huwa jkun sar jaf li dik il-karta tal-flus tkun daħlet fiċ-ċirkolazzjoni.

7. Mid-data tat-tibdil tal-flus kontanti 'il quddiem, BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu josserva l-obbligi tal-kontabilita' u tar-rappurtar finanzjarju li ġejjin:

a) Sakemm ma jkunux ġew irreġistrati diġa' skond il-paragrafu 10, il-karti tal-flus euro *frontloaded* għandhom jiġu rreġistrati bħala elementi *on-balance sheet* skond id-data tat-tibdil tal-flus kontanti.

b) L-ammont totali tal-karti tal-flus euro *frontloaded*, esklużi kwalunkwe karti tal-flus li jkunu daħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tat-tibdil tal-flus irrappurtati skond il-paragrafu 6(ċ), għandu jiġi rrappurtat fil-karta tal-bilanċ tal-BĊN futur ta' l-Ewrosistema fil-figura tal-"karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni".

c) Id-differenza bejn l-ammont totali tal-karti tal-flus euro *frontloaded* u l-ammonti tal-karti tal-flus euro *frontloaded* li jkunu ġew iddebitati fil-kontijiet ta' kontropartijiet eliġibbli *frontloaded* miżmuma ma' xi BĊN futur ta' l-Ewrosistema skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15 għandha tiġi ttrattata bħala self iggarantit u mhux irremunerat mogħti lill-kontropartijiet eliġibbli u li għandu jitħallas minnhom skond l-Artikolu 15.

▼B

8. BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jħallas lura l-karti tal-flus euro li huwa jissellef għall-iskop tal-*frontloading*, billi jagħti numru u kwalita' ekwivalenti ta' karti tal-flus euro li huwa jipproduċi jew jakkwista, bħala riżultat ta' allokazzjoni lilu fil-produzzjoni tal-karti tal-flus euro ta' l-Ewrosistema għal sena konsekuttiva jew aktar immedjatament wara s-sena li fiha jsir it-tibdil tal-flus kontanti, minbarra s-sehem normali tiegħu fl-allokazzjoni tal-produzzjoni tal-karti tal-flus euro ta' l-Ewrosistema għas-snin rilevanti. Il-kalkolu tan-numru u l-kwalita' ekwivalenti tal-karti tal-flus biex jiħallsu lura se jkun deċiż mill-Kunsill Governattiv. In-numru u l-kwalita' ekwivalenti tal-karti tal-flus biex jiħallsu lura għat-tieni serje tal-euro se jkun ikkalkulat kif stabbilit mill-Kunsill Governattiv fi żmien xieraq. ►M1 In-numru u l-kwalità ekwivalenti ta’ karti tal-flus biex jitħallsu għal serje futuri ta’ karti tal-flus ewro se jkunu kkalkulati kif stabbilit mill-Kunsill Governattiv fil-ħin. ◄

9. BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jwettaq il-*frontloading* skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli III u IV. M'għandu jsir l-ebda trasferiment sakemm il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema u xi kontroparti eliġibbli jkunu ffirmaw ftehim kuntrattwali li jinkorporaw dawk il-kundizzjonijiet, sakemm dispożizzjonijiet statutorji nazzjonali dwar il-*frontloading* jiżguraw li kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitolu III u IV japplikaw għal kontropartijiet eliġibbli kollha.

10. Jekk xi karti tal-flus euro *frontloaded* jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti, il-BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi għandu jirreġistrahom bħala maħruġa u li qiegħdin fiċ-ċirkolazzjoni. Il-BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi għandu jirreġistra klejm fil-konfront tal-BĊN futur ta' l-Ewrosistema li jammonta għall-valur nominali tal-karti tal-flus euro li jkunu daħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti. Il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jħallas lill-BĊN ta' l-Ewrosistema li jittrasferixxi, remunerazzjoni fuq dik il-klejm. Ir-remunerazzjoni għandha titħallas mid-data meta l-BĊN futur ta' l-Ewrosistema jsir jaf li dawn il-karti tal-flus euro daħlu fiċ-ċirkolazzjoni sa l-ewwel jum ta' negozju ta' l-Ewrosistema wara d-data tat-tibdil tal-flus kontanti. F'dik id-data, l-obbligazzjoni tal-BĊN futur ta' l-Ewrosistema u r-remunerazzjoni relatata għandha titħallas permezz tat-TARGET jew permezz ta' sistema li tissostitwixxi t-TARGET. Ir-rata ta' referenza għar-remunerazzjoni għandha tkun l-aħħar rata ta' imgħax marġinali disponibbli wżata mill-Ewrosistema fl-offerti tagħha għall-operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid skond il-paragrafu 3.1.2 ta' l-Anness I mal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 tal-31 t'Awwissu 2000, dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta' l-Ewrosistema ([1]). Fil-każ li aktar minn BĊN wieħed ta' l-Ewrosistema jittrasferixxi karti tal-flus euro lil BĊN futur ta' l-Ewrosistema għall-iskop tal-*frontloading*, il-ftehim kuntrattwali msemmija fl-Artikolu 3.3 għandhom jispeċifikaw lill-BĊN li jittrasferixxi, li għandu jirreġistra l-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni u l-klejm fil-konfront tal-BĊN futur ta' l-Ewrosistema.

▼M1

11. BĊN futur ta’ l-Ewrosistema għandu jirrapporta dan li ġej lill-BĊE u lill-BĊN(i) ta’ l-Ewrosistema li jikkunsinna, filwaqt li jqis l-obbligi stabbiliti fi strument legali separat:

(a) L-ammont totali finali ta’ karti tal-flus ewro *frontloaded* u *sub-frontloaded* (ikklassifikat skond id-denominazzjoni); u

(b) L-ammont totali finali ta’ muniti ewro *frontloaded* u *sub-frontloaded* (ikklassifikat skond id-denominazzjoni).

([1]) ĠU L 310, 11.12.2000, p. 1. Linja gwida kif l-aħħar emendate mal-Linja gwida BĊE/2005/17 (ĠU L 30, 2.2.2006, p. 26).

▼B

KAPITOLU III

**FRONTLOADING**

*Artikolu 5*

**Kontropartijiet eliġibbli**

L-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fi Stat Membru futur parteċipanti (inklużi fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu barranin li jinsabu fl-Istat Membru futur parteċipanti) u uffiċji tal-posta nazzjonali li għandhom kont mal-BĊN futur ta' l-Ewrosistema tagħhom, għandhom ikunu kkunsidrati eliġibbli biex jirċievu karti tal-flus u muniti euro għall-iskop tal-*frontloading*, ladarba l-ftehim kuntrattwali msemmija fl-Artikolu 4(9) ikunu ġew stabbiliti. ►M1 Kontropartijiet eliġibbli jistgħu jaħtru kumpaniji li jġorru l-flus kontanti bħala aġenti li jaġixxu f'isimhom u għar-riskju tagħhom għall-finijiet tal-ħażna u s-*sub-frontloading* ta' karti tal-flus u muniti ewro lil terzi persuni professjonali bil-kundizzjoni li: (i) minkejja l-ħatra ta' aġent, il-kontropartijiet eliġibbli jaderixxu mar-regoli u l-proċeduri kollha applikabbli stabbiliti f'din il-Linja Gwida; u (ii) il-kontropartijiet eliġibbli jikkonkludu ftehim kuntrattwali ma' kumpaniji li jġorru l-flus kontanti li jistabbilixxu li kumpaniji li jġorru l-flus kontanti għandhom jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 10(a) u (b) u fl-Artikoli 13(1) sa 13(3). ◄

*Artikolu 6*

**Trasferiment għal *frontloading***

1. BĊN futur ta' l-Ewrosistema ma jistax jibda jqassam karti tal-flus u muniti euro għal *frontloading* qabel ma l-perijodu tal-*frontloading*/*sub-frontloading* ikun beda.

2. BĊN futur ta' l-Ewrosistema jista' jagħmel *frontloading* ta' karti tal-flus u muniti euro skond id-dispożizzjonijiet ta' din il-Linja ta' Gwida. Il-*frontloading* tal-karti tal-flus u muniti euro m'għandux jibda qabel ma l-BĊN futur ta' l-Ewrosistema u l-kontroparti eliġibbli li jirċievi jkunu ffirmaw ftehim kuntrattwali li jinkorporaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu u l-Kapitolu IV (sakemm regoli u proċeduri ekwivalenti jkunu ġew stabbiliti minn dispożizzjonijiet statutorji fl-Istat Membru futur parteċipanti).

*Artikolu 7*

**Għoti ta' garanzija**

1. Il-kontropartijiet eliġibbli li għandhom ikunu *frontloaded* għandhom jipprovdu lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema tagħhom b'garanzija eliġibbli, kif iddefinit fl-Artikolu 8, biex:

a) tkopri l-valur nominali sħiħ tal-karti tal-flus u muniti euro *frontloaded*; u

b) jiżguraw it-twettiq ta' l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 10 li għandhom ikunu inklużi fil-ftehim kuntrattwali bejn il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema u l-kontroparti eliġibbli.

2. Jekk il-garanzija tiġi inkassata biex jiġi żgurat it-twettiq ta' l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 10, il-kontroparti eliġibbli għandha tipprovdi lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema b'garanzija addizzjonali biex tkopri l-valur nominali sħiħ tal-karti tal-flus u muniti euro *frontloaded*, kif mitlub skond il-paragrafu 1(a).

3. Il-garanzija għandha tkun ipprovduta lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema qabel ma jibda l-*frontloading* tal-karti tal-flus u muniti euro,

▼B

u għandha tkopri r-riskji li jqumu mill-bidu tat-trasferiment għall-*front-loading*.

4. Il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jiżgura li l-garanzija hija nfurzabbli kolha kemm hi. Għal dan il-għan huwa għandu jimmobilizza l-garanzija eliġibbli permezz ta' proċeduri xierqa ta' kostituzzjoni ta' garanzija f'manjiera stabbilita fl-Anness I mal-linja ta' Gwida BĊE/2000/7.

5. BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jimplimenta miżuri adegwati ta' kuntroll tar-riskju biex jassorbixxu r-riskji dwar il-*frontloading*. Huwa għandu jikkonsulta lill-BĊE qabel il-*frontloading* dwar il-miżuri ta' kuntroll tar-riskju msemmija f'dan l-Artikolu. Meta l-valur tas-suq tal-garanzija eliġibbli huwa aġġustat biex jikkunsidra l-miżuri ta' kuntroll tar-riskju applikati, l-ammont tal-garanzija għandu jkun dlonk aġġustat biex ikopri dejjem il-valur nominali sħiħ tal-karti tal-flus u muniti euro *frontloaded* li ma jkunux ġew iddebitati fil-kontijiet tal-kontropartijiet eliġibbli mal-BĊN futur ta' l-Ewrosistema li jkun pprovda l-*frontloading* tal-karti tal-flus u muniti euro.

6. Il-ftehim kuntrattwali biex jiġu ffirmati qabel il-*frontloading* għandhom jipprovdu li kontroparti eliġibbli għandha tagħti lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema d-dritt li jinkassa fi flus il-garanzija jekk il-kontroparti eliġibbli *frontloaded* tikser xi waħda mill-obbligi msemmija f'din il-Linja ta' Gwida bħala kundizzjoni minn qabel għall-*frontloading* u miftiehma speċifikament bejn il-kontroparti eliġibbli u l-BĊN futur ta' l-Ewrosistema, u jekk il-kontroparti eliġibbli *frontloaded* ma tħallasx il-penali kuntrattwali stabbiliti fl-Artikolu 10.

*Artikolu 8*

**Garanzija eliġibbli**

1. L-attiv eliġibbli kollu għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja ta' l-Ewrosistema kif iddefinit fl-Anness I mal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 għandu jkun ikkunsidrat bħala garanzija eliġibbli għall-iskopijiet tal-*frontloading*.

2. Attiv iddenominat kemm fil-valuti nazzjonali ta' l-Istati Membri futuri parteċipanti, jew kemm fil-euro, li jissodisfa l-kriterji uniformi stabbiliti fl-Anness I mal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 u li huwa eliġibbli għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja ta' l-Ewrosistema (bl-eċċezzjoni tal-kriterju dwar il-post tal-ħlas u l-valuta tad-denominazzjoni), għandu jkun ikkunsidrat bħala garanzija eliġibbli għall-iskopijiet tal-*frontloading*. L-attiv għandu jinżamm (imħallas) fiż-żona tal-euro, jew fl-Istat Membru futur parteċipanti, b'sistema domestika ta' ħlas tat-titoli (SSS) evalwata kontra l-"Istandards għall-użu tas-Sistemi ta' Ħlas tat-Titoli ta' l-UE f'operazzjonijiet ta' kreditu tas-SEBĊ" tal-BĊE.

3. Dawn li ġejjin jistgħu jingħataw ukoll bħala garanzija eliġibbli: (a) depożiti ta' flus kontanti ddenominati f'valuta nazzjonali; (b) depożiti ta' flus kontanti f'euro f'kont iddedikat, irremunerat bl-istess rata bħal dik applikata għar-riżervi minimi; jew (ċ) depożiti ddenominati f'valuta nazzjonali jew f'euro u f'forma oħra kkunsidrata xierqa mill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema.

*Artikolu 9*

**Rappurtar**

1. Kontroparti eliġibbli għandha tirrapporta lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema:

a) l-ammont totali finali ta' karti tal-flus euro *sub-frontloaded* (ikklassifikat skond id-denominazzjoni); u

b) l-ammont totali finali ta' muniti euro *sub-frontloaded* (ikklassifikat skond id-denominazzjoni).

▼B

2. Immedjatament hekk kif isir is-*sub-frontloading*, kontroparti eliġibbli *frontloaded* għandha tipprovdi lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema tagħha b'informazzjoni dwar l-identita' tat-tielet persuni professjonali li jkunu ġew *sub-frontloaded*, kif ukoll dwar l-ammonti tal-karti tal-flus u muniti euro *sub-frontloaded* għal kull konsumatur individwali. Il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jittratta din l-informazzjoni bħala kunfidenzjali u għandu jużaha biss biex josserva kif terzi persuni professjonali jikkonformaw ma' l-obbligi tagħhom fir-rigward ta' l-evitar ta' ċirkolazzjoni bikrija ta' karti tal-flus u muniti euro, u għar-rappurtar skond l-Artikolu 4(11). ►M1 Il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jirrapporta lill-BĊE l-informazzjoni li huwa jirċievi minn kontroparti eliġibbli, filwaqt li jikkunsidra l-obbligi stabbiliti fi strument legali separat. ◄

3. Kontroparti eliġibbli *frontloaded* għandha tinforma immedjatament lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema li jkun għamel il-*frontloading* tagħha (li dan imbagħad għandu jinforma lill-BĊE dwar dan):

a) jekk hemm raġuni biex wieħed jemmen li xi karti tal-flus euro jew muniti euro *frontloaded* daħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti; u

b) ta' l-ammont totali (ikklassifikat skond id-denominazzjoni) ta' karti tal-flus *frontloaded*, jekk ikun hemm, li daħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti.

*Artikolu 10*

**Impennji ta' kontroparti eliġibbli fir-rigward tas-*sub-frontloading***

Qabel ma s-*sub-frontloading* iseħħ, il-kontropartijiet eliġibbli *front-loaded* għandhom jaraw li jwettqu *sub-frontloading* biss skond ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida, liema regoli u proċeduri għandhom ikunu miftiehma bejniethom u t-terzi persuni professjonali li għandhom jiġu *sub-frontloaded*. Partikolarment, il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu miftiehma qabel ma l-kontroparti eliġibbli tkun tista' tagħmel *sub-frontloading*:

a) Il-kontroparti eliġibbli għandha tiżgura li l-karti tal-flus u muniti euro *sub-frontloaded* jibqgħu fil-bini tat-terzi persuni professjonali *sub-frontloaded*, fejn dawn għandhom jinħażnu separatament minn kwalunkwe karti tal-flus u muniti euro oħra, valuta jew proprjeta' oħra, biex jiġi evitat li dawn jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti. Ċirkolazzjoni bikrija bħal din għandha tkun suġġetta għall-ħlas ta' penali kuntrattwali xierqa.

▼M1

(b) Il-kontroparti eliġibbli għandha taqbel mat-terza persona professjonali li tkun se tirċievi s-*sub-frontloading* li din ta' l-aħħar tippermetti lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema jew kull awtorità pubblika oħra kompetenti skond l-Artikolu 13(3), biex iwettqu verifiki u spezzjonijiet fil-bini tat-terza persuna professjonali li tkun irċeviet is-*sub-frontloading* sabiex jivverifikaw il-preżenza tal-karti tal-flus u muniti ewro *sub-frontloaded*.

(ċ) Il-kontroparti eliġibbli għandha tħallas lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema penali kuntrattwali f'ammont ipproporzjonat ma' xi ħsara li jkun sofra, madankollu mhux anqas minn 10 % ta' l-ammont *sub-frontloaded*, jekk: (i) il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema jew kull awtorità pubblika kompetenti oħra ma tingħatax aċċess biex twettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet imsemmija f'punt (b); jew (ii) jekk il-karti tal-flus u muniti ewro *sub-frontloaded* ma jinħażnux fil-bini tat-terza parti professionali li tkun irċeviet is-*sub-frontloading* kif stabbilit f'dan l-Artikolu. BĊN futur ta' l-Ewrosistema m'għandux jimponi dawn il-penali kuntrattwali: (i) jekk l-Istat Membru parteċipanti futur tiegħu jkun stabbilixxa qafas regolatorju li jipprovdi għal livell ekwivalenti ta' protezzjoni; jew (ii) sakemm it-terza persuna profess-

▼M1

jonali li tkun irċeviet is-*sub-frontloading* tkun ħallset diġà penali skond l-Artikolu 16(2)(f).

▼B

*Artikolu 11*

**Aspetti statistiċi**

Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tar-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001, dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji ([1]), BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jiżgura li l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji fl-Istat Membru tiegħu ma jirreġistrawx elementi u tranżazzjonijiet dwar il-karti tal-flus u muniti *frontloaded* fil-karta tal-bilanċ tagħhom matul il-perijodu tal-*frontloading*.

*Artikolu 12*

**Distribuzzjoni lill-fergħat**

BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jħalli lill-kontropartijiet eliġibbli biex jiddistribwixxu l-karti tal-flus u muniti euro *frontloaded* lill-fergħat tagħhom biss fl-Istat Membru futur parteċipanti.

*Artikolu 13*

**Projbizzjoni ta' ċirkolazzjoni bikrija**

▼M1

1. BĊN futur ta’ l-Ewrosistema għandu jipprojbixxi lill-kontropartijiet eliġibbli (inklużi l-aġenti maħtura tagħhom) milli jiddisponu mill-karti tal-flus u muniti ewro kkunsinnati lilhom qabel 00:00 (ħin lokali) fid-data tal-bidla tal-flus kontanti, sakemm stabbilit mod ieħor b’din il-Linja Gwida. B’mod partikolari, il-BĊN futur ta’ l-Ewrosistema għandu jeżiġi li l-kontropartijiet eliġibbli, inklużi l-aġenti maħtura tagħhom, jaħżnu l-karti tal-flus u muniti ewro *frontloaded* fil-kmamar tas-sigurtà tagħhom jew fil-kmamar tas-sigurtà ta’ l-aġenti maħtura tagħhom, jekk ikollhom, separatament minn kull karti tal-flus u muniti ewro oħra, valuti u proprjetà oħra, u b’mod li joffri sigurtà, sabiex jiġu evitati l-qerda, is-serq, jew kull każ ieħor ta’ ċirkolazzjoni bikrija.

▼B

2. Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jiżguraw li m'hemm l-ebda ċirkolazzjoni ta' kwalunkwe karti tal-flus u muniti euro *frontloaded* qabel id-data tat-tibdil tal-flus.

▼M1

3. Sabiex tiġi vverifikata l-preżenza tal-karti tal-flus u muniti ewro *frontloaded* u l-ftehim liema skond il-kontropartijiet eliġibbli jwettqu s-*sub-frontloading*, il-kontropartijiet eliġibbli, inklużi l-aġenti maħtura tagħhom, għandhom jagħtu lill-BĊN futur ta’ l-Ewrosistema tagħhom, id-dritt li jivverifika u jispezzjona l-bini tagħhom. Il-BĊN futur ta’ l-Ewrosistema jista’ jafda awtorità pubblika kompetenti oħra bil-verifika u l-ispezzjoni ta’ dan il-bini, f’liema każ il-BĊE għandu jkun infurmat.

▼B

4. Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jaraw li jħallsu l-penali lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema, fil-każ li l-kontroparti eliġibbli jikser l-obbligi dwar il-*frontloading*, inklużi imma mhux ristretti għat-tqegħid, jew li taġixxi b'mod li twassal biex tqiegħed, karti tal-flus *frontloaded* fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti, jew għar-rifjut biex issir verifika jew spezzjonijiet. Il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema

([1]) ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2181/2004 (BĊE/2004/21) (ĠU L 371, 18.12.2004, p. 42).

▼B

għandu jiżgura li dan il-ksur huwa suġġett għal penali kuntrattwali jew statutorji, kif xieraq, pagabbli f'ammont proporzjonali għal xi ħsara soffruta. Il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema m'għandux jimponi dawk il-penali jekk l-Istat Membru futur parteċipanti parikolari jkun stabbilixxa qafas regolatorju li jipprovdi livell ekwivalenti ta' protezzjoni.

*Artikolu 14*

**Riskju ta' qerda, telf u serq**

Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jassumu r-riskju tal-qerda, it-telf u s-serq tal-karti tal-flus u muniti euro *frontloaded* mill-mument meta dawn il-karti tal-flus u muniti jħallu l-kmamar tas-sigurta' tal-BĊN futur ta' l-Ewrosistema. BĊN futur ta' l-Ewrosistema jista' jitlob lill-kontropartijiet eliġibbli jkopru dawn ir-riskji permezz ta' assigurazzjoni adegwata jew permezz ta' kwalunkwe mezzi xierqa oħra. Madankollu, il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema u l-kontroparti eliġibbli għandhom jaqblu li minkejja din l-assigurazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15 dwar id-debitar immedjat ta' karti tal-flus u muniti euro *frontloaded* li jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni kmieni u ħlasijiet ta' remunerazzjoni relatati, għandhom japplikaw. Minkejja dan t'hawn fuq, xi BĊN futur ta' l-Ewrosistema u kontroparti eliġibbli jistgħu jaqblu li l-BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jieħu ħsieb il-ftehim prattiċi dwar it-trasport tal-karti tal-flus u muniti euro għall-iskop ta' *frontloading* f'isem u għar-riskju tal-kontroparti eliġibbli.

*Artikolu 15*

**Ddebitar u kkreditar**

1. Il-karti tal-flus u muniti euro *frontloaded* għal kontropartijiet eliġibbli għandhom ikunu ddebitati f' dawk il-kontijiet tal-kontropartijiet miżmuma mal-BĊN futur ta' l-Ewrosistema tagħhom skond il-valur nominali tagħhom, skond il-"mudell ta' iddebitar lineari" li ġej: l-ammont totali ta' karti tal-flus u muniti euro *frontloaded* għandu jkun iddebitat fi tliet ħlasijiet ugwali, fid-data tal-ħlas ta' l-ewwel, ir-raba' u l-ħames operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid ta' l-Ewrosistema wara d-data tat-tibdil tal-flus kontanti.

2. Jekk ma jkunx hemm fondi biżżejjed disponibbli f'kont ta' kontroparti eliġibbli *frontloaded* mal-BĊN futur ta' l-Ewrosistema li jkun għamel il-*frontloading* tagħha biex jiġi ddebitat il-kont kif stabbilit fil-paragrafu 1, allura l-kontroparti eliġibbli għandha titqies li tkun kisret l-obbligu tagħha biex tħallas għall-karti tal-flus u muniti euro *frontloaded*.

3. Il-karti tal-flus u muniti euro ttrasferiti lill-kontropartijiet eliġibbli fid-data tat-tibdil tal-flus kontanti jew wara għandhom ikunu ddebitati fil-kontijiet rispettivi tagħhom ma' BĊNi futuri ta' l-Ewrosistema skond il-prattika ta' bħalissa ta' l-Ewrosistema. Karti tal-flus u muniti euro irritornati mill-kontropartijiet eliġibbli fid-data tat-tibdil tal-flus kontanti jew wara, għandhom ikunu kkreditati bl-istess mod fil-kontijiet rispettivi tagħhom mal-BĊNi futuri ta' l-Ewrosistema.

4. Il-karti tal-flus u muniti ddenominati f'valuta nazzjonali u rritornati minn kontropartijiet eliġibbli għandhom ikunu kkreditati fil-kontijiet rispettivi tagħhom mal-BĊN futur ta' l-Ewrosistema skond il-prattika ta' bħalissa ta' l-Ewrosistema.

5. Jekk il-karti tal-flus u muniti euro jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti, allura l-ammont ta' dawn il-karti tal-flus jew muniti għandu jkun immedjatament iddebitat mill-kontroparti eliġibbli *frontloaded* bħala kambju ta' flus barranin. Kwalunkwe karti tal-flus euro għandhom ikunu rreġistrati bħala "fiċ-ċirkolazzjoni" fil-kontijiet tal-BĊN ta' l-Ewrosistema li jkun ittrasferihom lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema għall-iskop tal-*frontloading*. Ir-reġistrazzjoni għandha

▼B

ssir irrispettivament mir-raġuni għall-karti tal-flus li jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti.

KAPITOLU IV

## SUB-FRONTLOADING

*Artikolu 16*

### Kundizzjonijiet li japplikaw għat-trasferiment tal-karti tal-flus u muniti euro għas-*sub-frontloading*

1. Is-*sub-frontloading* ta' terzi persuni professjonali ma jistax jibda qabel ma l-perijodu tal-*frontloading*/*sub-frontloading* ikun beda.

2. Qabel ma kwalunkwe *sub-frontloading* jista' jibda, il-kontroparti eliġibbli u t-terzi persuni professjonali għandhom jiffirmaw ftehim kuntrattwali li jkopru dan li ġej:

a) *Sub-frontloading* għandu jseħħ għar-riskju sħiħ u r-responsabbilta' tat-terza persuna professjonali u suġġett għal kwalunkwe kundizzjonijiet miftiehma skond din il-Linja ta' Gwida.

▼M1

__________

▼B

c) It-terza persuna professjonali għandha taħżen karti tal-flus u muniti euro *sub-frontloaded* kif mitlub skond l-Artikolu 10(a), u m'għandhiex tiddisponi minnhom qabel 00:00 (ħin lokali) fid-data tat-tibdil tal-flus kontanti.

▼M1

(d) It-terza persuna professjonali għandha tagħti lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema tagħha jew kull awtorità kompetenti oħra skond l-Artikolu 13(3), id-dritt biex jivverifikaw u jispezzjonaw il-bini tagħha sabiex jivverifikaw il-preżenza tal-karti tal-flus u l-muniti ewro *sub-frontloaded*.

▼B

e) It-terza persuna professjonali għandha tirrappurta lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema l-ammont totali (ikklassifikat skond id-denominazzjoni) ta' karti tal-flus *sub-frontloaded*, jekk ikun hemm, li jkunu daħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel id-data tat-tibdil tal-flus kontanti.

f) It-terza persuni professjonali għandha tara li tħallas il-penali lill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema fil-każ li t-terza persuna professjonali tikser l-obbligi dwar is-*sub-frontloading*, inklużi imma mhux ristretti għal ksur ta' l-obbligu stabbilit fil-paragrafu (ċ) jew għaċ-ċaħda li tħalli milli jseħħu verifika jew spezzjonijiet, kif imsemmi fil-paragrafu (d). Ksur bħal dan għandu jkun suġġett għal penali kuntrattwali jew statutorji, kif xieraq, pagabbli f'ammont proporzjonali għal xi ħsara soffruta, madankollu mhux anqas minn 10 % ta' l-ammont *sub-frontloaded*. Il-BĊN futur ta' l-Ewrosistema m'għandux jimponi dawn il-penali jekk l-Istat Membru futur parteċipanti partikolari jkun stabbilixxa qafas regolatorju li jipprovdi livell ekwivalenti ta' protezzjoni.

▼M1

3. B'deroga mill-proċedura tas-*sub-frontloading* deskritta fil-paragrafu 2, għandha tapplika l-proċedura ssimplifikata tas-*sub-frontloading*, fost terzi persuni professjonali, lil bejjiegħa bl-imnut skond il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-bejjiegħ bl-imnut huwa intrapriża *micro* kif iddefinita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta'

▼M1

Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi *micro*, żgħar u ta' daqs medju ([1]), jiġifieri timpjega anqas minn 10 persuni u għandha *turnover* annwali jew karta tal-bilanċ annwali totali li ma taqbiżx EUR 2 miljun;

(b) il-valur nominali tal-karti tal-flus u muniti ewro *sub-frontloaded* lil bejjiegħ bl-imnut ma jaqbiżx EUR 10 000 fit-total;

(ċ) il-bejjiegħ bl-imnut għandu jiffirma formola standard ippreparata mill-BĊN futur ta' l-Ewrosistema NCB li fiha jaqbel li ma jiddisponix mill-karti tal-flus u muniti ewro *sub-frontloaded* qabel 00:00 (ħin lokali) fid-data tal-bidla tal-flus kontanti. M'għandhom jinħtieġu l-ebda ftehim kuntrattwali oħra; u

(d) il-bejjiegħ bl-imnut għandu jaħżen karti tal-flus u muniti ewro *sub-frontloaded* kif mitlub skond l-Artikolu 10(a), u għaldaqstant għandu japplika l-paragrafu 2(d).

4. Skond il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, *sub-frontloading* issimplifikat jista' jsir biss ħamest ijiem kalendarji qabel id-data tal-bidla tal-flus kontanti. Il-valur fil-valuta l-antika li jikkorrispondi mal-valur nominali tal-karti tal-flus u muniti ewro *sub-frontloaded* minn kontroparti eliġibbli lil bejjiegħ bl-imnut skond il-proċedura ssimplifikata tas-*sub-frontloading,* għandu jiġi mblukkat fil-kont tal-bejjiegħ bl-imnut mal-kontroparti eliġibbli, u ddebitat fid-data tal-bidla tal-flus kontanti.

▼B

*Artikolu 17*

**Esklużjoni tal-pubbliku ġenerali**

1. BĊN futur ta' l-Ewrosistema għandu jipprojbixxi lill-kontropartijet eliġibbli milli jagħmlu *sub-frontloading* tal-karti tal-flus u muniti euro lill-pubbliku ġenerali.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jipprojbixxix il-forniment lill-pubbliku ġenerali ta' *starter kits* ta' muniti li jinkludu ammonti żgħar ta' muniti euro ta' denominazzjonijiet differenti, kif speċifikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'xi Stati Membri futuri parteċipanti, skond kif ikun il-każ.

KAPITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 18*

**Verifika**

▼M1

BĊNi futuri Ewrosistema għandhom jibagħtu lill-BĊE kopji ta' kull strument legali u miżuri adottati fl-Istat Membru tagħhom fir-rigward ta' din il-Linja Gwida mhux aktar tard minn xahar qabel il-bidu tal-perijodu tal-*frontloading/sub-frontloading*, madankollu mhux qabel li tkun ittieħdet kull deċiżjoni dwar l-abrogazzjoni tad-deroga fir-rigward ta' dak l-Istat Membru.

([1]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

▼B

*Artikolu 19*

**Muniti euro**

Huwa rrikkmandat li BĊNi futuri ta' l-Ewrosistema għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din il-Linja ta' Gwida għall-muniti euro sakemm stabbilit mod ieħor fil-qafas imwaqqaf mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom.

*Artikolu 20*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 2006.

2. Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-BĊNi ta' Stati Membri parteċipanti.